MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-23 ta' Ottubru, 2009

Talba Numru. 315/2008

**Krea ( Malta ) Limited**
**Vs**
**Margaret Rossignaud u b'digriet moghti nhar il-11 ta' Novembru, 2008 liema digriet gie emendat b'digriet tat-2 ta' Dicembru, 2008 gie msejjah in kawza ir-ragel tal-konvenuta Norman Rossignaud**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas kumplessiv ta' tlett elef u erba' mija u erbgha u disghin ewro u sitt ewro centezmi (€3,494.06) rapprezentanti ammont dovut bhala bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenuti lis-socjeta' attrici ghall-bejgh u stallazzjoni ta' ghamara debitament konsenjata u stallata fuq inkarigu taghhom stess.

Bl-ispejjes u l-imghaxijiet legali mid-data tal-pagament effettiv. Il-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenuta pprezentat risposta fejn issollevat illi t-talbiet tas-socjeta' attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-ammont pretiz m'huwiex dovut.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz

Ra r-risposta sollevata mil-kjamat inkawza Norman Rossignaud, ir-ragel tal-konvenuta. Fejn issolleva li t-talbiet attrici fil-konfront tieghu huma preskritti *'ai termini'* tal-artiklu 2148(b) tal.Kap 16. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante li l-ammont pretiz m'huwiex dovut.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz

Ra li l-konvenuta eccepiet ulterjorment il-preskrizzjoni *'ai termini'* tal-artiklu 2148(b) tal-Kap 16.

Ra d-dokumenti ezebiti in atti.

Semgha x-xhieda ta' Margaret Rossignaud, Dr Gianfranco Gauci, James Hili u Christopher Gauci.

Ra n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidra:**

Illi din il-kawza titratta dwar bejgh u installazzjoni ta' kcina kompluta li giet konsenjata lill-konvenuta flimkien ma zewgha l-kjamat in kawza fuq ordni taghhom stess u ghall-liema bejgh kien baqa' jithallas bilanc tal-prezz. Illi jirrizulta li kien sar hlas akkont meta giet ffirmata l-ordni ghall-kcina kompluta mas-socjeta' attrici, izda wara l-istess kcina giet ikkonsenjata lill-konvenuta, gie allegat illi hija naqqset milli thallas il-bilanc minhabba xi ilmenti li kellha fuq il-prodott mibjugh lilha.

Illi fl-ewwel seduta xehed ir-rapprezentant tas-socjeta’ attrici fejn ezebixxa varji dokumenti li jikkoncernaw il-prodott mertu tal-kawza u qal illi kien thallas depositu u li kien jonqos li jithallas il-bilanc somma mitluba fl-avviz. Spjega kif il-problemi nqalghu wara li kienu marru jinstallaw il-kcina u kien ghad jonqos *‘snag list’* ta’ xi bicciet li ma kienux accettabbli mill-konvenuta. Dawn gew irrangati izda mat-tieni darba li marru sabiex ikomplu jinstallaw il-bicciet skont l-*‘snag list’* l-konvenuta kellha zewg ilmenti ohra li s-socjeta’ attrici accettat li tbiddel. Qal ukoll illi il-kcina kienet kompluta ghall-ahhar ghajr ghall-bicciet zghar li gew sussegwenetement konsenjati lilha fi zmien qasir. Zied jghid illi l-bilanc li kien ghad fadal jithallas ma kienx jikkompara mal-lista ta’ ilmenti tal-konvenuta li sussegwentement gew akkomodati. Qal ukoll illi huwa kien kwazi wasal ghal ftehim mar-ragel tal-konvenuta izda l-konvenuta kienet sfrattat dan il-ftehim.

Xehed ukoll James Hili , *financial controller* tas-socjeta’ attrici fejn ipprezenta *statement* li jindika li kien hemm zewg konsenji fid-29 ta’ Dicembru, 2003 u fil-5 ta’ Jannar, 2004 u li kien ghad jonqos bilanc ta’ €3688.35.

It-Tribunal jirrilleva li l-bilanc originali allegatament dovut mill-konvenuta u l-kjamat in kawza kien jeccedi il-kompetenza ta’ dan it-Tribunal u ghaldaqstant, is-socjeta’ attrici kienet illimitat il-bilanc dovut sabiex jilhaq il-kompetenza ta’ dan it-Tribunal.

Fl-ewwel seduta ghandu jigi rilevat illi kien xehed rapprezentant tas-socjeta’ attrici u l-attrici in subizzjoni fejn qalet illi ma kienetx tiftakar kemm kienet hallset lis-socjeta’ attrici u kemm  kien l-ammont li ghadu dovut u kienet obbligat ruhha ghas-seduta ta’ wara kellha tezebixxi d-dokumenti relatati ma dak li kienet ghadha kif xehdet.  Qalet ukoll fl-istess xhieda li hija kienet hallset ‘*deposit*’ u ma kellha thallas xejn aktar. Fix-xhieda taghha lmentat li x-xoghol ma kienx sar kif kellu jkun u kien hemm problemi fil-kejl. Illi l-ghada ta’ din ix-xhieda l-konvenuta eccepiet ulterjorment illi t-talbiet attrici huma preskritti *‘ai termini’* tal-artiklu 2148(b) tal.Kap. 16.

Xehed l-Avukat Gianfranco Gauci li qal illi huwa kien l-avukat tas-socjeta' attrici u li ghalkemm qatt ma ltaqa' mall-konjugi Rossignaud huwa kien tkellem mal-kjamat in kawza Norman Rossignaud fejn qal illi ghal bidu ta' Jannar tal-2008 kellu struzzjonijiet sabiex jippprocedi kontra l-konvenuta u r-ragel taghha. Qal illi minkejja li d-difetti ilmentati kienu gew irrangati l-konvenuta ippretendiet li ma thallasx il-bilanc izda kull darba li kellem lir-ragel taghha telefonikament huwa kien jghidlu li l-hlas ha jsir u qallu ukoll illi ma kellux bzonn jiftah kawza ghaliex kienu ha jhallsu. Dawn it-telefonati saru f'Jannar tas-sena 2006 u ma jeskludix illi tkellem mieghu fix-xhur sussegwenti.

Illi jirrizulta li f'zewg seduti s-socjeta' attrici kienet ezawrit il-provi taghha u l-konvenuta flimkien ma zewgha l-kjamat in kawza ghazlu li ma jressqux provi. Illi is-Sinjuri Rossignaud it-tnejn ecceppew li l-azzjoni odjerna taqa' bl-eghluq ta' preskrizzjoni ta' tmintax–il xahar ghaliex din l-azzjoni kienet wahda ta' kredituri ghall-prezz ta' merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli, mibjugha bl-imnut.

It-Tribunal jirrilleva li meta xehdet l-konvenuta fis-16 ta' Settembru, 2008 hija kienet xehdet qabel ma giet sollevata l-eccezzjoni ulterjuri tal-preskrizzjoni *'ai termini'* tal-artiklu 2148(b) tal Kap 16. Fix-xhieda taghha hija qalet illi ma kienetx tiftakar ezattament x'hallset lis-socjeta' attrici u kemm kien l-ammont li kien ghadu dovut. Qalet ukoll li hija hallset *deposit* u ma kellha taghti xejn aktar.

IIlli huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna illi meta l-attur jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti illi b'certu attiduni tieghu l-konvenut debitur iqieghed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li jirrendi inkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-bazi ta' preskrizzjoni, f'dan il-kuntest huma annoverati s-sitwazzjonijiet prevvisti mill-artikli 2133 u 2134 tal-Kap 16 li fost ragunijiet ohra hemm imsemmija hlasijiet akkont. Illi huwa minnu li meta l-konvenuta kienet xehdet qabel ma giet intavolata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Dak inhar meta ddikjarat esplicitament li ma kienetx taf kemm kien l-ammont li kien

ghadu dovut minnha u meta qalet illi hija kienet hallset '*deposit*' hija qeghdet lilha nnifisha f'posizzjoni li rrendiha inkompattibli mall-eccezzjoni ssollevata minnha stess gurnata wara. Il-hlas akkont, kif ukoll meta qalet illi ma tiftakarx l-ammont li kien ghadu dovut huma zewg istanzi fejn hija rikonoxxiet illi l-bilanc kien ghadu ma thallasx . Dawnl-istanzi huma sitwazzjonijiet previsti mill-artiklu 2133 u 2134 tal-Kap 16. Kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza nostrana dan huwa rikonoxximent *ai fini* ta' interuzzjoni tal-preskrizzjoni. Illi s-socjeta' attrici kemm bid-domandi taghha stess u kemm fin-nota ta' sotomisjonijiet giet '*sottolineata'* dina l-interuzzjoni tal-preskrizzzjoni. Illi dan il-principju gie sewwa dibattut fis-sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) kif ippresjeduta mill-Onor. Imhallef Dr.Philip Sciberras fil-kawzi fl-ismijiet '*Austin Psaila vs Lothar Slabick'* deciza fit-8 ta' Frar, 2005*, 'Gauci Eucharisto vs Borg Jesmond et'* deciza fl-14 ta' Lulju, 2004 kif ukoll fil-kawza fl-ismijiet *'Tabone qabel Stellini Mary Rose vs Vassallo Silvio pro et noe'* deciza fl-24 ta' Marzu, 2004*.*

Wara evalwazzjoni tal-provi migjuba quddiem dan it-Tribunal u studju ta' duttrina legali, t-Tribunal huwa sodisfatt illi l-preskrizzjoni fil-konfront tal-konvenuta giet interrotta meta fix-xhieda taghha qabel ma kienet giet eccepita l-preskrizzjoni hija rrikonoxxiet id-dejn u kienet stqarret illi kienet hallset akkont u ta' dan it-Tribunal ma ghandu l-ebda dubju u ghalhekk bix-xhieda taghha stess il-bilanc ghandu jigi kunsiderat bhala li ghadu dovut. Ghadaqstant, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni fil-konfront tal-konvenuta ma timmeritax akkoljiment.

Illi fir-rigward it-talbiet attrici fil-konfront tal-kjamat in kawza, it-Tribunal jirrilleva li l-kjamat in kawza gie notifikat bl-atti fl-15 ta' Jannar, 2009 u cioe' hames snin wara li l-kont mas-socjeta' attrici kien gie miftuh. Illi t-Tribunal jirrilleva li anke jekk it-Tribunal kellu japplika is-sottomissjonijiet tas-socjeta' attrici li dan kien kaz illi jaqa' bl-preskrizjoni ta' hames snin 'ai termini' tal-artiklu 2151(2) stante li t-Tribunal kien ikun sodisfatt illi kien hemm kunsinna bi kreditu kif ukoll kien hemm servizz ta' installazzjoni, it-terminu ta' preskrizzjoni mhux biss kien

skada, izda dan il-ftehim ma kienx gie ffirmat mill-kjamat in kawza. Illi huwa pacifiku li mill-1993 ‘l quddiem kwalunkwe’ ftehim li jaggrava l-kommunjni tal-akwwisti ghandu jigi ffirmat kemm mill-mara kif ukoll mir-ragel. Ili dan il-ftehim kien gie ffirmat mill-mara biss. Illi ma jirrizultax lit-Tribunal illi kien hemm ammissjoni ta’ debitu minn naha tieghu. Illi l-unici provi mressqa mis-socjeta’ attrici fil-konfront tal-kjamat in kawza, kienu li kien hemm ftehim minn naha tal-kjamat in kawza li jhallas, izda dan il-ftehim qatt ma gie ppruvat u t-Tribunal ma jistax joqghod fuq il-provi dghajfa prodotti mis-socjeta’ attrici fuq l-allegata ammissjoni tal-kjamat in kawza permezz ta’ diskorsi li jkunu saru u li qatt ma gew ammessi.

Illi meta l-attrici ffirmat l-ordni tal-kcina imhejjija mis-socjeta’ attrici hija ffirmat wehedha minghajr ma ffirma r-ragel. ukoll. Illi fil-fehma tat-Tribunal dan in-nuqqas minn naha tas-socjeta’ attrici jgarrab konsegwenzi fuq il-komunjoni tal-akkwisti. Illi huwa pacifiku lli kwankwe’ ftehim li jaggrava fuq il-komunjoni tal-akkwisti ghandu jkun iffirmat kemm mill-mara kif ukoll mir-ragel ghaliex fin-nuqqas, il-firmatarju huwa responsabbli ghan-nofs tieghu biss. Illi jekk kemm-il darba jkun hemm il-firma tat-tnejn, id-debitu jaggrava lit-tnejn ‘*in solidum’* izda mhux jekk ikun hemm firma ta’ wiehed minnhom biss. Illi fil-kaz in ezami, kien hemm ordni ta’ kcina u kien thallas biss akkont u r-rimanenti bilanc huwa dejn li jaggrava lill-komunjoni tal-akkwisti. Ghaldaqstant, it-Tribunal huwa tal-fehma li t-talbiet attrici fil-konfront tal kjamat in kawza ma jimmeritawx illi jigu akkolti u l-bilanc dovut mill-konvenuta huwa biss ta’ nofs d-debitu dovut.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija t-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa’ t-talba attrici fil-konfront tal-konvenuta bl-ispejjez u l-interessi skont il-ligi u kif mitluba mid-data tal-ewwel konsenja u ghalhekk jikkundanna lill-attrici thallas is-sehem taghha tal-komunjoni tal-akkwisti fis-somma ta’ elf seba’ mija u sebgha u erbgin ewro u tliet ewro centezmi (€1747.03), fil-waqt illi minhabba li l-azzjoni kontra l-kjamat in kawza hija preskritta, jichad it-talba fil-konfront tal-kjamat in kawza, Norman Rossignaud .

Spejjez tal-kawza tlett kwarti ghall-konvenuta Margaret Rossignaud u terz ghas-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------